Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 253/2014

Il-Pulizja

Vs

Vincent Azzopardi

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Vincent Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 481967M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-24 ta' Marzu, 2014 ghal-habta tal-04:50pm fi Triq San Gorg, San Giljan, u f'dawn il-gzejjer:

1. Saq vettura Nru. T731ROU b' manjiera perikoluza.
2. Saq vettura Nru. T731ROU b' manjiera bla kont.
3. Saq vettura Nru. T731ROU b' manjiera traskurata.
4. Saq vettura Nru. T731ROU b' velocitá eccessiva.
5. Saq vettura Nru. T731ROU mea ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riksji tat-terzi persuni.
6. Saq vettura Nru. T731ROU minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtoritá ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.

7. Saq vettura Nru. T731ROU bil-hgieg skurat/tinted meta kien tpogga xi kulur, film, sustanza jew materjal iehor minghajr il-permess tal-Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta.
8. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. T731ROU fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
9. Kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan irrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jaghmel hekk skond il-ligi.
10. Talli fl-24 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tal-05:30pm fi Pjazza Qalb ta' Gesú, San Giljan, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied jew b'mod iehor.
11. W'akta talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28 ta' Frar, 2012 (Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 15(1)(A)(2)(3), 15(A), 15(E) tal-Kap. 65, MVR Artikolu 110A, 127 LS.65.11, Artikolu 338(dd) Kapitolu 9. Illiberat lil akkuzat mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mill-hdax (11) il-akkuza. Sabithu hati tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disgha (9) u l-ghaxar (10) akkuza u immultatu komplessivament ghal multa ta' erbat elef Ewro (€4000) u ssospedietlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Vincent Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi:

a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-esponenti gie ddikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet numru 1, 2, u 11, u;
b) thassarha f'dik il-parti fejn l-esponenti nstab hati tal-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, u 10 u tiddikjarah mhux hati minnhom u tilliberah minnhom u

c) sabiex fl-eventwalita' li tkun konfermata l-hitja tieghu in toto jew in parte skond ma ghamlet l-Ewwel Qorti, sabiex il-piena inflitta tkun mibdula ghal peina ohra inqas skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Vincent Azzopardi huma s-segwenti w cioe':-

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' kemm lil persuna li ghamel ir-rapport lill-pulizija dwar in-natura tas-sewqan ta'l-appellanti kif ukoll lill-appellanti jaghtu x-xhieda taghhom u hadet konjizzjoni ta'l-affidavits pprezentati mil-PC670 Walter Sheldon, WPC207 Christine Calleja, PS1187 Omar Zammit li investigaw dan is-sinistru. Jirrizulta mill-provi illi l-appellanti kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Mercedes b'*number plates* barranin gewwa San Giljan fejn gie osservat kemm minn certu Kenneth Gauci kif ukoll mil-kuntistabbli Sheldon isuq il-vettura tieghu b'tali mod illi kien qed ighaqqad it-tyres u iwerzaqhom sakemm jasal vicin il-vettura li kienet qed tinsaq quddiemu u jieqaf u dan meta t-traffiku kien ghaddej b'pass rallentat. Illi il-kuntistabbli Sheldon kif ukoll il-WPC Christine Calleja josservaw illi l-appellanti kellu riha ta' xorb fin-nifs tieghu u kien mixi imxengel u dan meta gie imwaqqaf u miltub biex jinzel mill-vettura tieghu. Mehud l-ghassa ta' San Giljan sabiex isirlu it-test tan-nifs, jigi mibghut l-ghassa ta' Tas-Sliema billi l-magna ma kenitx qed tahdem gewwa San Giljan, fejn imbaghad hemmhekk jigi mitlub jissottoponi ruhu ghal dan it-test u huwa jirrifjuta li jaghmel dan. Illi esposti dawn il-fatti probatorji quddiem l-Ewwel Qorti, hija ghaddiet sabiex issib htija fl-appellanti ghat-tielet, ir-raba, il-hames is-sitt, is-seba it-tmienja, id-disa u l-ghaxar akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioe' illi huwa kien qieghed isuq b'manjiera traskurata u eccessiva, meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni skont il-ligi u meta il-vettura misjuqa minnu kienet bil-hgieg skurat u ma kenitx illicenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex tintuza fit-triq. Oltre dan imbaghad instabet reita' ghall-akkuzi dwar sewqan taht l-influwenza tax-xorb u

ghar-rifjut minn naha ta'l-appellanti li joqghod ghat-test tan-nifs u finalment ghal ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi dwar in-natura tas-sewqan tieghu fil-jum indikat fl-akkuza, l-appellanti jishaq illi ma tistax tinstab htija ghal sewqan traskurat billi l-fatt wahdu illi huwa instema' ighaqqad it-*tyres* tal-vettura tieghu ma jikkwalifikax ghal dan il-grad negligenti ta' sewqan u *di piu'* lanqas saret prova dwar dan billi fil-fehma tieghu li kieku dan il-fatt sehh kien ikun hemm sinjal car fit-triq ta' '*burn out*' li ma gietx riskontrata. Lanqas ma setghet tinstab htija ghal sewqan b'velocita eccessiva billi lanqas ma gie ippruvat illi huwa kien qed jeccedi il-limitu ta' velocita preskritta fil-ligi fejn ukoll issir distinzjoni bejn vetturi b'*tyres* pnewmatici u ohrajn armati b'*tyres* solidi, kif stipulat fir-regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.Jishaq illi stante li gie ippruvat illi fil-mument tas-sinistru stradali mertu tal-kaz it-triq kienet traffikuza, allura ma jistax ikun illi huwa kien qed jeccedi il-limitu ta' velocita kif stabbilit fil-ligi ta' 50km fis-siegha ghal vettura tal-ghamla li kien qed isuq hu b'*tyres* pnewmatici u fil-post ta' San Giljan li huwa post abitat.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax taqbel mal-argumenti imressqa 'il quddiem mill-appellanti. Dan ghaliex *speed* jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari; ghax allura l-limitu jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fattur ambjetali tal-mument. Illi allura bil-fatt illi l-appellanti kien qieghed ighaqqad it-*tyres* biex b'hekk kien sahansitra qieghed ifixkel lill-sewwieqa ohra fit-triq tant illi Kenneth Gauci hass il-bzonn li jirraporta dan il-fatt lill-pulizija billi huwa sahansitra ighid illi t-tfal tieghu spiccaw imbezzghin b'dan l-agir, huwa bil-wisq evidenti illi l-appellanti kien qieghed isuq il-vettura b'velocita eccessiva tenut kont tac-cirkostani tal-mument fejn t-traffiku kien ghaddej bil-mod. Dan sehh meta l-appellanti beda inspjegabbilment ighaqqad *it-tyres*, isuq bis-sahha ghal fuq il-vettura ta' quddiemu biex b'hekk johloq il-perikolu li ma ikunx jista' iwaqqaf fil-pront meta jieqaf it-traffiku. Dan ghalhekk jammonta certament ghal sewqan eccessiv u traskurat ta' persuna li qed issuq b'mod negligenti u bi ksuhat tant illi ikun qed iqieghed mhux biss hajtu u l-proprjeta tieghu f'periklu izda anke dik ta' haddiehor. Dan ghaliex kien dover ta'l-appellanti li jara hu kull cirkustanza ohra u kull ezigenza ohra, ta' nies u

vetturi, qabel ma jaghmel dik il-manuvra minghajr sens fis-sewqan tieghu, haga li ma ghamilx u lanqas jidher li kien interessat li jaghmel. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravvji qed jigu michuda.

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia moghtija quddiem din il-Qorti fil-05 ta' Marzu 2015 irrizulta illi l-vettura misjuqa mill-appellanti fil-jum indikat fl-akkuza ma kellhiex licenzja mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta sabiex tinsaq fit-triq. Issa l-appellanti jallega illi f'dan il-jum huwa kellu it-*Trial Run plates* imwahhla u kien kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni. Kif kienet qalet ben tajjeb il-Qorti, fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Paul Mangion' tat-23 ta' Frar, 2010 jaghmel sens dak imfassal fl-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jkun hemm l-inversjoni tal-prova kontra l-persuna akkuzata b'reat ta' sewqan minghajr ma jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni. L-appellanti ghalhekk kellu jaghmel din il-prova sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilta penali, haga li ma ghamilx ghalkemm gie esebiet dokument a fol.26 li jinnika illi hemm polza ta'assikurazzjni mahruga f'isem l-appellanti u valida bejn l-1 ta' Jannar 2013 u il-31 ta' Dicembru 2013 ghar-rigward ta' vetturi li ikunu qed igorru it-*Trial Run plate* bin-numru TRL 107. Illi l-appellanti naqas milli iressaq il-prova illi l-vettura misjuqa minnu kienet qed igorr din it-tarka ta' registrazzjoni ghalkemm il-prova kienet tinkombi fuqu u kwindi din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi l-vettura misjuqa minnu kienet koperta minn tali polza. Illi d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti lanqas ma hija kontardittorja kif jallega l-appellanti u dan meta fil-fehma tieghu ghalkemm hemm indikat illi il-vettura kienet koperta b'tali polza imbaghad xortawahda instabet htija ghaliex dak li l-Ewwel Qorti qed tindika huwa dak li qed jishaq l-appellanti u mhux dak li ikkonkludiet hi. Ghaldaqstant anke dawn iz-zewg aggravvji ma jisthoqqux akkoljiment.

Illi l-hames gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa marbut ma'l-akkuza numru 7 fejn l-appellanti huwa mixli taht ir-regolament 110A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 illi saq il-vettura bil-hgieg skur jew *tinted* meta ma kienx awtorizzat jaghmel dan. Illi l-appellanti jikkontendi illi ma hemm l-ebda prova in atti li tindika illi kien hu li applika kulur jew sustanza biex jiskura il-hgieg tal-vettura tieghu kif tirrikjedi l-ligi. U allura meta l-vettura tohrog b'dan il-kwalita ta'

hgieg mill-fabbrika ma tistax tinstab reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi hawnhekk l-appellanti ghandu ragun. Illi qabel xejn ma jistax jinghad fl-atti illi hemm prova li il-vettura misjuqa mill-appellanti kellha il-hgieg taghha skur jew *tinted*. Lanqas ir-ritratt tal-vettura esebiet mill-kuntistabbli Sheldon ma'l-affidavit tieghu ma jindika dan b'mod car. Ma hemmx prova lanqas illi l-appellanti applika xi kulur jew sustanza hu biex oskura l-hgieg tal-vettura jew ghamel xi alterazzjoni f'dawn il-hgieg wara li giet importata. Kwindi fin-nuqqas ta'provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, l-appellanti kellu jigi illiberat minn din l-imputazzjoni u kwindi dan l-aggravvju jisthoqqlu akkoljiment.

Illi l-aggravvji li isegwu imressqa mill-appellanti jikkoncernaw is-sejbien ta' htija ghal dawk ir-reati li jitkellmu dwar is-sewqan tieghu taht l-effet ta'l-alkohol u ir-rifjut li jaghti il-kampjun tan-nifs marbuta ma'l-istess imputazzjoni.

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni jaqra hekk:

**"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fittriq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-gurisprudenza tghallem li:

**"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.** [1]

[1] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-kuntistabbli Sheldon u Calleja illi meta l-appellanti gie imwaqqaf huma osservawh jimxi b'mod imxengel u xammew riha qawwija ta' alkohol fin-nifs tieghu tant illi hassew illi kellhom jinvestigaw ulterjorment dan il-fatt u kwindi l-appellanti gie mehud l-ghassa tal-pulizija sabiex hemmhekk isirlu it-test tan-nifs. Illi l-appellanti jishaq illi dawn il-provi huma insufficjenti fil-kamp penali billi dawn il-fatturi wahedhom ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni illi l-appellanti ma kienx f'kundizzjoni isuq. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-linja ta' argomentazzjoni. Illi l-komportament tas-sewwieq huwa indikattiv tal-kundizzjoni li ikun jinsab fiha. L-appellanti gie osservat isuq b'mod erratiku kemm mill-pulizija kif ukoll minn xhieda okulari. Gie osservat meta imwaqqaf illi ma kienx qed jimxi sew u sahansitra inxtammet riha qawwija ta'alkohol fin-nifs tieghu u mhux fuq hwejjgu kif donnu jaghti x'jifhem l-appellanti fir-rikors ta'l-appell tieghu. Mhux biss izda anke l-attitudni tieghu ta' ghajjat u konfrontazzjoni abbinata mal-fatturi l-ohra kollha iwasslu lil din il-Qorti sabiex tabbraccja l-apprezzament u il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u cioe' illi l-appellanti ma kienx fi stat li isuq minhabba li kien taht l-influwenza ta'l-alkohol. U dan indipendentement mill-fatt illi huwa irrifjuta li joqghod ghat-test tan-nifs fejn allura tiskatta l-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Illi di piu dwar l-akkuza numru 9, l-appellanti jilmenta illi stante illi huwa irrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema u mhux gewwa l-Ghassa ta' San Giljan kif indikat specifikatament fl-akkuza, allura huwa ghandu jigi illiberat. Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…"*

Issa huwa bil-wisq evidenti illi fl-akkuza numru 9 l-appellanti qed jigi mixli bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 15E tal-Kapitolu 65, liema reat qed jigi indikat li sehh gewwa l-Ghassa ta' San Giljan. Illi huwa fatt inkontestat illi meta it-test tan-nifs ma

sarx gewwa l-Ghassa ta' San Giljan billi irrizulta illi l-apparat ma kienx qed jiffunzjona, huwa ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fejn hemmhekk l-appellanti imbaghad iddecieda lil jirrifjuta joqghod ghal dan it-test. Dan johrog car mill-affidavit ta' PS1187 Omar Zammit. Illi allura huwa indubitat illi l-appellanti ghandu ragun ghaliex ghalkemm fil-partikolarijiet generali indikati fl-akkuza huwa qed jigi mixli b'reati li allegatament gew kommessi "f'dawn il-Gzejjer" biex ghalhekk ikopru Malta u Ghawdex kollu, madanakollu l-imputazzjoni kif impustata fl-ispecifiku tad-disgha akkuza qed tirreferi ghal xi haga li grat gewwa l-Ghassa ta' San Giljan meta dan ma kienx il-kaz. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravvju jisthoqqlu akkoljiment.

Illui l-ahhar lanjanza, apparti dik dwar il-piena inflitta, tikkoncerna l-akkuza dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Dan ghaliex dan l-incident allegatament sehh gewwa l-Ghassa ta' San Giljan fil-konfront tal-kuntistabbli Sheldon meta l-appellanti iffrustat bil-fatt li kien jinsab arrestat u kien qed jittiehed minn ghassa ghall-ohra sabiex isirlu it-test tan-nifs, ipprotesta ghal dan il-fatt mal-kuntistabbli tal-pulizija. Illi anke hawn l-appellanti ghandu ragun billi ghal dak li jikkoncerna l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-bon odni u l-paci pubblika gie mghallem mill-gurisprudenza illi:

**"Ghall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux bizzejjed il-livell u l-ghajat li jiddisturba lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku." – Il-Pulizija vs Vincent Petroni – App. Inf – 20/05/1993**

Illi huwa fatt inkontestat illi dan l-incident sehh gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u dan meta l-appellanti beda jipprotesta ghal fatt li kien jinsab arrestat. Di piu'l-uniku prova li hemm in konnessjoni ma' din l-akkuza tirreferi ghal dak li ighid il-kuntistabbli Sheldon fl-affidavit tieghu meta isostni illi fil-mument illi l-appellanti ingieb lura l-Ghassa ta San Giljan huwa qabad ighajjat u qallu l-kliem: 'Ghandi biex inhallashom'. Illi imbaghad il-kuntistabbli Christine Calleja li kienet prezenti ukoll ghalkemm tghid fl-affidavit taghha illi l-appellanti qal dak id-diskors lill-kuntistabbli Sheldon meta dan infurmah illi kienu ser jinharrgu l-akkuzi fil-konfront tieghu, madanakollu ma isemmiex illi kien hemm xi storbju jew ghajjat gej minn

ghand l-appellanti. Kwindi l-akkuza certament ma hijiex ippruvat u dan l-aggravvju ukoll ser jigi akkolt.

Illi allura meta tigi biex tqies il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ser ikollha tvarja l-istess billi l-appellanti ser jigi illiberat mis-seba', id-disgha u l-ghaxar akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa' il-hames, parti mis-sitt, is-sebgha u l-ahhar aggravvji sollevati mill-appellanti, qieghda tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabet sejbien ta htija ghat tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u it-tmien akkuzi, u fejn illiberat lill-appellanti mill-ewwel, it-tieni u il-hdax-il akkuza, izda tirrevokaha ghal kumplament u minflok tillibera lill-appellanti mis-sebgha, id-disgha u l-ghaxar akkuzi u tirriforma il-piena inflitta billi tikundannah ihalals multa ta' €3000 u tikkonferma is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur